

Brussell, 18 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14948/22

LIMITE

INDEF 18  
COPS 553  
POLMIL 278  
IND 487  
MAP 42  
COMPET 920  
FISC 228  
CODEC 1775

#### NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Att dwar it-Tiżni tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni - Approċċ ġenerali


1. Fid-19 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Att dwar it-Tiżni tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni<sup>1</sup>.
2. B'din il-proposta, il-Kummissjoni segwiet l-impenn li ħadet, fl-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża tat-18 ta' Mejju 2022<sup>2</sup>, li toħloq strument għall-immedjat bil-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża permezz tal-akkwist kollaborattiv mill-Istati Membri tal-UE.
3. Fl-20 ta' Lulju 2022, taħt il-Presidenza Ċeka, il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar l-Industrija tad-Difiża beda jeżamina l-proposta. Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Novembru 2022, it-test li jinsab fl-anness għal din in-nota rċieva appoġġ wiesa' mid-delegazzjonijiet.

<sup>1</sup> 11531/22.

<sup>2</sup> 9033/22 + ADD1.

4. Il-Presidenza għalhekk tistieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jikkonferma l-qbil dwar it-test li jinsab fl-anness u jippreżentah lill-Kunsill għal approçċ ġenerali.
5. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni huma indikati b'**tipa grassa u sottolinjata** u [...].

---



Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment tal-[...]strument għat-tisħiħ tal-[...]industrija Ewropea tad-difiża  
permezz tal-akkwist [...] kollaborattiv**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

---

<sup>1</sup> GUC , , p. .

- (1) Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE, fil-laqgħa tagħhom f'Versailles fil-11 ta' Marzu, impenjaw ruħhom għat-"tisħiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej" minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ftiehm li jżidu l-infiq għad-difiża, iżidu l-kooperazzjoni bi proġetti konġunti, u b'akkwist kollaborattiv tal-kapaċitajiet tad-difiża, jindirizzaw in-nuqqasijiet, jagħtu spinta lill-innovazzjoni, u jsaħħu u jiżviluppaw l-industrija tad-difiża tal-UE, **inkluż l-SMEs**.
- (2) L-invażjoni mhux ġustifikata tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa fl-24 ta' Frar 2022 u l-kunflitt armat li għaddej fl-Ukrajna għamluha ċara li hu kruċjali li tittieħed azzjoni [...] **bla dewmien** biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti. Dan wassal biex fl-Ewropa reġa' hemm gwerra b'taqbid ta' intensità għolja u kunflitt territorjali, li jirrikjedu żieda sinifikanti fil-kapaċità tal-Istati Membri biex ineħħu l-aktar lakuni urġenti u kritiċi, speċjalment dawk aggravati bit-trasferiment tal-prodotti tad-difiża lejn l-Ukrajna.
- (3) Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta dwar "l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur". Il-Komunikazzjoni enfasizzat li fl-UE jeżistu għadd ta' diskrepanzi finanzjarji, industrijali, u fil-kapaċità. **Il-Komunikazzjoni Konġunta għamlet enfasi speċjali fuq il-lakuni fil-kapaċitajiet li għandhom effett immedjat fuq il-libertà ta' azzjoni tal-forzi armati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ssottolinjat l-urġenza li ċerti riżervi jimtlew mill-ġdid, sabiex jissostitwixxu s-sistemi miruta mill-era Sovjetika u jissaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi.**
- (4) Strument apposta għall-immedjat, imfassal bi spirtu ta' solidarjetà, ġie indikat bħala għodda li tinċentiva lill-Istati Membri biex, fuq bażi volontarja, iwettqu akkwist b'mod kollaborattiv sabiex jimlewi l-aktar lakuni urġenti u kritiċi, speċjalment dawk maħluqa mir-rispons għall-aggressjoni attwali tar-Russja.

- (5) Strument ġdid b'hal dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-akkwist kollaborattiv tad-difiża u, bil-finanzjament assoċjat tal-Unjoni, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-UE.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li t-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea **(EDTIB)** ikun fil-qalba ta' dawk l-isforzi. Fil-fatt għad hemm bosta diffikultajiet u diskrepanzi, u [...] għad hemm **frammentazzjoni, li qed twassal biex ma jkunx hemm** [...] biżżejjed azzjonijiet kollaborattivi u [...] **interoperabbiltà** tal-prodotti.
- (6a) Il-kondizzjonijiet u l-kriterji speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament huma ddeterminati minn ċirkostanzi speċifiċi u l-iskedi ta' żmien attwali.**
- (7) Fil-kuntest attwali tas-suq tad-difiża, ikkaratterizzat b'żieda fit-theddid għas-sigurtà u bi prospett realistiku ta' kunflitt ta' intensità għolja, l-Istati Membri qed iżidu malajr il-baġits tad-difiża tagħhom u b'miri simili ta' xiri. Dan iwassal għal domanda li [...] **tista'** taqbeż il-kapaċitajiet tal-manifattura tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, li b'ħalissa huma maħsuba għal żminijiet ta' paċi.
- (8) Għaldaqstant jistgħu jiġu antiċipati inflazzjoni qawwija fil-prezzijiet u aktar dewmien fit-twassil tal-ordnijiet, li potenzjalment jistgħu jagħmlu ħsara lis-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. L-industrija tad-difiża jeħtieġ jiżguraw il-kapaċità tal-produzzjoni meħtieġa għall-ipproċessar tal-ordnijiet, kif ukoll il-materja prima kritika u s-sottokomponenti. F'dan il-kuntest, jista' jkun li l-produtturi jagħtu preferenza lill-ordnijiet il-kbar, u potenzjalment iħallu lill-aktar pajjiżi vulnerabbli esposti, billi dawn ma għandhomx id-daqs kritiku u l-mezzi finanzjarji biex jiżguraw ordnijiet kbar.

- (9) Barra minn hekk, jenħtieġ li jsiru sforzi sabiex iż-żieda fl-infiq tirriżulta f'Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea ferm aktar b'saħħitha **fl-Unjoni kollha**. Fil-fatt, **żieda fl-investimenti nazzjonali**, mingħajr koordinazzjoni u kooperazzjoni, [...] **tista'** żżid [...] il-frammentazzjoni [...].
- (10) Minħabba l-isfidi msemmija hawn fuq u l-bidliet strutturali relatati [...], jinħass il-bżonn li jitħaffef l-aġġustament tal-[...] **EDTIB, sabiex** tiżdied il-kompetittività u l-effiċjenza tagħha u b'hekk tikkontribwixxi għat-tiżiħ u għar-riforma tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Istati Membri. Jenħtieġ li waqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet industrijali jiġu indirizzati malajr ukoll l-aktar lakuni urġenti.
- (11) Jenħtieġ li b'mod partikolari jiġu inċentivati l-investment komuni u l-akkwist kollaborattiv fid-difiża peress li dawn l-azzjonijiet kollaborattivi jiżguraw li l-bidliet meħtieġa [...] **fl-EDTIB** isiru b'mod kollaborattiv, u tiġi evitata aktar frammentazzjoni [...].

- (12) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Strument għall-Immedjat biex tiżdied il-kollaborazzjoni tal-Istati Membri fil-fażi tal-akkwist tad-difiża (l-"Instrument"). Dan ser jinċentiva lill-Istati Membri biex iwettqu azzjonijiet kollaborattivi u b'mod partikolari, waqt l-akkwisti biex jimlew dawn il-lakuni, li jagħmlu dan b'mod konġunt, filwaqt li jżidu l-livell ta' interoperabbiltà, u jsaħħu u jirriformaw il-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tagħhom.
- (13) L-Istrument għall-Immedjat jenħtieġ li jikkumpensa għall-kumplessità u r-riskji assoċjati [...] **mal-akkwist kollaborattiv** filwaqt li jippermetti li l-ekonomiji ta' skala fl-azzjonijiet tal-Istati Membri jsaħħu u jimmodernizzaw [...] **L-EDTIB**, biex b'hekk iżid ir-reżiljenza tal-kapaċità u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni. L-inċentiv għall-akkwist kollaborattiv jirriżulta wkoll f'kostijiet anqas fir-rigward tal-ġestjoni [...] **taċ-ċiklu tal-ħajja** tas-sistemi. **Jenħtieġ li l-Istrument ikun akkumpanjat minn sforzi li jsaħħu s-swieq, is-servizzi u s-sistemi Ewropej tad-difiża u s-sigurtà b'kondizzjonijiet ekwivalenti għall-fornituri mill-Istati Membri kollha tal-UE. L-akkwist kollaborattiv f'suq komuni għall-EDTIB jippermetti ekonomiji ta' skala u jiżgura l-innovazzjoni u l-effiċjenza fil-produzzjoni u t-teknoloġija.**

- (14) F'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-"Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċ Futur", dan l-Istrument ser [...] **jikkunsidra** u jkompli jibni fuq il-ħidma tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża stabbilita mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli/Kap tal-Aġenzija, sabiex tikkoordina l-ħtiġijiet tal-akkwist tad-difiża fl-immedjat u tinvolvi lill-Istati Membri u lill-manifatturi tad-difiża tal-UE fl-appoġġ tal-akkwist konġunt għall-mili mill-ġdid tar-riżervi, l-aktar minħabba l-appoġġ mogħti lill-Ukrajna.
- (15) L-Istrument [...] **jenħtieġ li jiżgura l-koerenza** ma' inizjattivi kollaborattivi eżistenti tal-UE marbuta mad-difiża bħall-[...] **Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP), ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD)**, il-Fond Ewropew għad-Difiża (**EDF**) kif ukoll il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), u jiġġenera sinerġiji ma' programmi oħra tal-UE. L-Istrument hu koerenti għalkollox mal-ambizzjoni tal-Boxxla Strateġika. **Fejn xieraq, il-prijoritajiet reġjonali u internazzjonali, inkluż dawk fil-kuntest tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll, dment li dawn ikunu konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni u ma jwaqqfu lill-ebda Stat Membru jew pajjiż assoċjat milli jipparteċipa, filwaqt li jfittxu li jevitaw duplikazzjoni bla bżonn.**

- (16) Peress li l-istrument għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, sabiex jibbenefikaw mill-istrument il-kuntratti tal-akkwist kollaborattiv ser jkun jeħtiġilhom jingħataw lil [...] **kuntratturi jew sottokuntratturi** stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati u li mhumiex soġġetti għall-kontroll ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati jew ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-kontroll **ta' kuntrattur jew sottokuntrattur** jinftiehem bħala l-abbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq [...] **kuntrattur jew sottokuntrattur** b'mod dirett jew indirett permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar. Minbarra dan, biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża [...] tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist kollaborattiv li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist kollaborattiv għandhom ikunu fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż [...] assoċjat.
- (17) F'ċerti ċirkostanzi, jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mill-prinċipju li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi involuti f'akkwist kollaborattiv appoġġat mill-Istrument ma jkunux soġġetti għal kontroll minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. F'dak il-kuntest, [...] **kuntrattur jew sottokuntrattur** stabbilit fl-Unjoni jew f'pajjiż [...] assoċjat u jkun ikkontrollat minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entità ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati jista' jipparteċipa bħala kuntrattur [...] **jew** sottokuntrattur involut fl-akkwist kollaborattiv, **dment li** [...] jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stretti relatati mal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, kif stabbilit fil-qafas tal-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), inkluż f'termini tat-tiżni tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea.
- (18) Barra minn hekk, il-proċeduri u l-kuntratti tal-akkwist kollaborattiv għandhom ukoll jinkludu r-rekwiżit li l-prodott tad-difiża ma jkunx soġġett għal [...]\_ restrizzjoni minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entità ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati **li tillimita l-kapaċità tal-Istati Membri li jużawh.**

- (19) Sabiex jinħoloq l-effett meħtieġ ta' inċentiv, **jenħtieġ li** l-għotjiet skont l-Istrument [...] jieħdu l-forma ta' finanzjament li ma jkunx marbut ma' kost bbażat fuq il-kisba tar-riżultati b'referenza għall-pakketti ta' ħidma, it-tappi jew il-miri tal-proċess tal-akkwist kollaborattiv.
- (20) [...] **Il-Kummissjoni, assistita mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14, jenħtieġ li tiddetermina [...] l-[...]prijoritajiet tal-finanzjament u l-kondizzjonijiet tal-finanzjament applikabbli fil-programm ta' ħidma.**
- (21) Għall-ġenerazzjoni tal-effett ta' inċentiv, il-livell ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni [...] **għal kull azzjoni jenħtieġ li jkun jista'** jiġi ddivrenzjat abbażi ta' fatturi bħal [...] il-kumplessità tal-akkwist kollaborattiv, [...] il-karatteristiċi tal-kooperazzjoni[...] **jew** l-għadd ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati parteċipanti, jew l-inklużjoni ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati oħra mal-kooperazzjonijiet eżistenti.

- (22) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru aġent tal-akkwist biex iwettaq l-akkwist kollaborattiv fisimhom. L-aġent tal-akkwist jenħtieġ li jkun awtorità kontraenti **kif definit fid-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE**, stabbilita fi Stat Membru jew fpajjiż [...] assoċjat, [...] **jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jew organizzazzjoni internazzjonali**.

- (23) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni kellha tinbeda qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja jenħtieġ li ma tkoprix il-perjodu qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, għajr f'każijiet eċċezzjonali debitament gustificati. Biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-appoġġ tal-Unjoni li jista' jipprevedika l-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li fid-deċiżjoni tal-finanzjament ikun possibbli jiġu previsti kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet, **anke jekk kienu nbdew qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. L-aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux gustificata tar-Russja kontra l-Ukrajna biddlet b'mod drammatiku l-kuntest tas-sigurtà Ewropea, u wasslet għall-ħtieġa li l-mezzi u l-istokkijiet tal-forzi armati jiġu adattati għall-possibilità ta' kunflitt ta' intensità għolja. Il-bżonnijiet ġodda ta' tagħmir tad-difiża li rriżultaw ipprovokaw bidla strutturali tas-sug Ewropew tat-tagħmir tad-difiża, li l-industrija tad-difiża teħtieġ li tadatta għalih b'mod urġenti. Iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' manifattura u fir-rata ta' produzzjoni teħtieġ modifika tas-sistemi ta' produzzjoni u tnaqqis fiż-żminijiet meħtieġa, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kosteffiċjenza. Għaldaqstant, b'deroga mill-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-kooperazzjonijiet bejn l-Istati Membri stabbiliti wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Istrument, jiġifieri d-19 ta' Lulju, [...] 2022, [...] iżda qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, u li jindirizzaw l-aktar bżonnijiet urġenti u kritiċi ta' prodott tad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli retroattivament għall-finanzjament tal-UE sakemm jista' jintwera li l-perspettiva tal-finanzjament tal-UE tat incenitiv lill-kooperazzjoni u li dawn ikkontribwew għall-objettivi tar-Regolament u kkonformaw mar-rekwiżiti tiegħu.**

**(23a) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti b'mod partikolari mid-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà. Madankollu, dan ir-Regolament jipprevedi rekwiżiti ta' eliġibbiltà aktar speċifiċi fl-Artikolu 8. Id-Direttiva 2009/81/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-liġijiet tagħhom il-possibbiltà li jimponu, fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt, rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tas-sigurtà tal-provvista jew mal-protezzjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni. L-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jibni fuq dawn id-dispożizzjonijiet u joħloq obbligi għall-aġent tal-akkwist fir-rigward tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni tal-kuntratt. Jenħtieġ li dawn l-obbligi jipprevalu fuq liġijiet konfliġġenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-aġent tal-akkwist.**

(24) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-"Regolament Finanzjarju") japplika għal dan il-Programm. Dan jistabbilixxi r-regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-ġhotjiet.

- (25) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Fond **għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2024**, li ser ikun l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>2</sup> (Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020), għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill waqt il-proċedura baġitarja annwali.

---

<sup>2</sup> ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

- (26) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95<sup>4</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>5</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>6</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu protetti b'miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup>. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-siħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.
- (27) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/755/UE<sup>8</sup>, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u f'territorji extra-Ewropej (PTEE) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-oġettivi tal-Istrument u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti jkun marbut.

<sup>3</sup> Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>4</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

<sup>5</sup> Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p.2).

<sup>6</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

<sup>7</sup> Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

<sup>8</sup> Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("Deċizzjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

**(27a) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-prodotti tad-difiża jenħtieġ li jinftehem bħala prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/81/KE, b'mod partikolari bħala t-tipi ta' prodotti inklużi fil-lista ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra adottata mill-Kunsill fid-Deċiżjoni tiegħu 255/58 tal-15 ta' April 1958. Din il-lista tinkludi biss tagħmir li hu ddisinjat, żviluppat u prodott għal skopijiet speċifikament militari. Madankollu, il-lista hija ġenerika u għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' fid-dawl tal-karattru li qed jevolvi tat-teknoloġija, il-politiki tal-akkwist u r-rekwiżiti militari li jwasslu għall-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' tagħmir, pereżempju fuq il-bażi tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-prodotti tad-difiża jkopru wkoll prodotti li, għalkemm inizjalment kienu ddisinjati għal użu ċivili, aktar tard ġew adattati għal skopijiet militari biex jintużaw bħala armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra.**

**(27b) Skont l-Artikolu 4(2) TUE, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà esklużiva ta' kull Stat Membru. L-Istati Membri jiddeterminaw bejniethom l-arranġamenti applikabbli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata għall-finijiet tal-akkwist kollaborattiv, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.**

**(27c) Il-Kummissjoni tipproteġi l-informazzjoni klassifikata f'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà li jinsabu fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444. F'konformità mal-Ftehim 2011/C 202/05 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE, l-Istati Membri jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata tal-UE għal dak ipprovdut mir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE.**

**(27d) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika ta' għom dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.**

- (28) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif jinsab fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif jinsab f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jilħaq dak l-oġġettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi **strument għat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea** [...] permezz tal-akkwist kollaborattiv [...] (l-"Istrument"), **għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2024.**

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) **"akkwist kollaborattiv"** tfisser akkwist [...] imwettaq b'mod konġunt mill-[...]Istati Membri;
- (2) **"kontroll[...] ta' kuntrattur jew sottokuntrattur"** tfisser l-abbiltà li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq [...] **kuntrattur jew sottokuntrattur** b'mod dirett jew indirett permezz ta' entità ġuridika intermedja waħda jew aktar;
- (3) **"struttura maniġerjali eżekuttiva"** tfisser korp ta' entità ġuridika maħtur f'konformità mal-liġi nazzjonali u li, fejn applikabbli, jirrapporta għall-uffiċjal kap eżekuttiv, li għandu s-setgħa jistabbilixxi l-istrateġija, l-oġġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità ġuridika, u li jissorvelja u jimmonitorja t-teħid tad-deċiżjonijiet maniġerjali;
- (4) **"entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat"** tfisser entità ġuridika stabbilita f'pajjiż terz mhux assoċjat jew, meta tkun stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, li jkollha l-istrutturi maniġerjali eżekuttivi tagħha f'pajjiż terz mhux assoċjat;

- (5) "aġent tal-akkwist" tfisser awtorità kontraenti, kif definita fid-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE, stabbilita f'pajjiż membru jew f'pajjiż assoċjat, jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jew organizzazzjoni internazzjonali, deżinjata [...] mill-Istati Membri biex twettaq akkwist kollaborattiv fisimhom [...];
- (5a) "prodotti tad-difiża" tfisser prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/81/KE.
- (5b) "informazzjoni klassifikata" tfisser informazzjoni jew materjal, fi kwalunkwe forma, li l-iżvelar mhux awtorizzat tiegħu jista' jikkawża livelli differenti ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri, u li jkollha marka ta' klassifikazzjoni tal-UE jew marka ta' klassifikazzjoni korrispondenti, kif stabbilit fil-Ftehim bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata fl-interessi tal-Unjoni Ewropea.
- (5c) "informazzjoni sensittiva" tfisser informazzjoni u data mhux klassifikata, li trid tiġi protetta minn aċċess jew żvelar mhux awtorizzat minħabba obbligi stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, fejn applikabbli, jew sabiex titħares il-privatezza jew is-sigurtà ta' persuna fiżika jew ġuridika;
- (6) [...]

### Artikolu 3

#### Objettivi

1. L-Istrument għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:
  - (a) irawwem il-kompetittività u l-effiċjenza tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), **inkluż l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni media (mid-caps)**, għal Unjoni aktar reżiljenti, b'mod partikolari billi jħaffef, b'mod kollaborattiv, l-aġġustament tal-industrija għall-bidliet strutturali, inkluż **il-ħolqien u l-ixprunar tal-[...]kapaċitajiet tal-manifattura u l-ftuħ tal-ktajjen tal-provvista fl-Unjoni kollha, u b'hekk, l-EDTIB tkun tista' tipprovdi l-prodotti tad-difiża meħtieġa mill-Istati Membri**;
  - (b) irawwem il-kooperazzjoni fil-proċess tal-akkwist tad-difiża [...] bejn l-Istati Membri [...] **sabiex dawn jikkontribwixxu** għas-solidarjetà, l-interoperabbiltà [...] **u l-prevenzjoni tal-effetti ta' esklużjoni, [...]biex tiġi evitata** l-frammentazzjoni u [...] **tiżdied** l-effettività tal-infiq pubbliku.
2. Il-ħidma biex jintlaħqu l-objettivi għandha tagħmel enfasi fuq it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-**EDTIB fl-Unjoni kollha** [...] biex din tkun tista' tindirizza b'mod partikolari l-aktar ħtiġijiet [...]urġenti u kritiċi tal-prodotti[...] tad-difiża, **inkluż** dawk żvelati jew aggravati bir-rispons għall-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, [...] **bħall-vieġġi lejn l-Ukrajna ta' prodotti tad-difiża, filwaqt li titqies** il-ħidma tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża **u f'konformità mal-objettivi tal-Boxxa Strateġika. Dan jista' jinkiseb permezz tar-riforniment tal-ħażniet u s-sostituzzjoni u t-tisħiħ tal-mezzi**.

## *Artikolu 4*

### *Baġit*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perjodu mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2024 għandu jkun EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali.
2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond, bħal attivitajiet ta' tħejija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.
3. Ir-riżorsi allokatati għall-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża, meta jintalbu minnhom, jistgħu jiġu trasferiti lejn l-Istrument soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-"Regolament Finanzjarju"). Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.
4. L-impenji baġitarji għall-attivitajiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti annwali.

*Artikolu 5*

*[...] Pajjiżi **assoċjati** [...]*

L-Istrument għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-[...] membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri fiż-Żona Ekonomika Ewropea (pajjiżi assoċjati), f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

*Artikolu 6*

*Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-UE*

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-finanzjament tal-UE għandu jinċentiva l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jintlaħqu l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiġi stabbilita billi titqies in-natura kollaborattiva tal-akkwist kollaborattiv flimkien ma' ammont xieraq biex jinholq l-effett incenitiv meħtieġ li jstimula l-kooperazzjoni.

3. **B'deroga mill-Artikolu 193 tar-Regolament Finanzjarju, u** fejn meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jistgħu jkopru [...] **azzjonijiet li jkunu bdew** qabel id-data tat-talba għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal dik l-azzjoni, dment li [...] **dawn** l-azzjonijiet [...]ma **jkunux** bdew qabel id-**19 ta' Lulju 2022 u ma jkunux tlestew qabel il-firma tal-ftehim ta' għotja. L-azzjonijiet eliġibbli retroattivament jridu jikkonformaw mal-kriterji kollha ta' eliġibbiltà previsti fl-Artikoli 7 u 8**[...].
4. L-għotjiet implimentati b'ġestjoni diretta għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

#### **Artikolu 6a**

##### **L-użu ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet**

1. **L-għotjiet għandhom jieħdu l-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet imsemmija fl-Artikolu 180(3) tar-Regolament Finanzjarju.**
2. **Il-livell ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni attribwit għal kull azzjoni jista' jiġi definit abbażi ta' fatturi bħal:**
  - (a) **il-kumplessità tal-akkwist kollaborattiv, li għalih proporzjon tal-valur stmat tal-kuntratt ta' akkwist kollaborattiv u l-esperjenza miksuba f'azzjonijiet simili jistgħu jservu bħala indikatur inizjali;**
  - (b) **il-karatteristiċi tal-kooperazzjoni, li x'aktarx iwasslu għal eżiti aktar sodi tal-interoperabbiltà u sinjali ta' investiment fit-tul lill-industrija; jew**

**(c) l-għadd ta' Stati Membri parteċipanti u pajjiżi assoċjati jew l-inklużjoni ta' aktar Stati Membri u pajjiżi assoċjati mal-kooperazzjonijiet eżistenti.**

**3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull azzjoni għandha tkun limitata għal 15 fil-mija tal-valur stmat tal-kuntratt ta' akkwist kollaborattiv għal kull konsorzju ta' Stati Membri u pajjiżi assoċjati.**

*Artikolu 7*

*Azzjonijiet eliġibbli*

1. L-azzjonijiet biss li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-**Unjoni skont l-Istrument**:
  - (a) l-azzjonijiet għandhom jinvolve l-kooperazzjoni **bejn l-entitajiet eliġibbli, kif imsemmija fl-Artikolu 9, għall-akkwist kollaborattiv [...] li jindirizza l-aktar ħtiġijiet urġenti u kritiċi tal-prodotti tad-difiża [...] kif imsemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 u fl-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Istrument**;
  - (b) l-azzjonijiet għandhom jinvolve kooperazzjoni ġdida jew estensjoni ta' kooperazzjoni eżistenti ma' **mill-inqas** Stat Membru[...] jew pajjiż assoċjat wieħed ġdid[...];
  - (c) l-azzjonijiet **li jinvolve kooperazzjoni ġdida, inkluż fi ħdan qafas eżistenti, jew estensjoni ta' kooperazzjoni eżistenti** għandhom jitwettqu minn konsorzju ta' mill-inqas tliet Stati Membri;
  - (d) l-azzjonijiet għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet addizzjonali kif stabbiliti fl-Artikolu 8.
2. L-azzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

- (a) l-azzjonijiet tal-akkwist kollaborattiv ta' oġġetti jew servizzi li huma pprojbiti bil-liġi internazzjonali applikabbli;
- (b) l-azzjonijiet tal-akkwist kollaborattiv ta' armi awtonomi letali li ma jippermettux kontroll sinifikattiv mill-bniedem tad-deċiżjonijiet tal-għażla u tal-involvement meta jsiru attakki fuq il-bnedmin.

*Artikolu 8*

*Kondizzjonijiet addizzjonali [...]tal-eliġibbiltà*

1. L-Istati Membri jew il-pajjiżi [...] assoċjati għandhom jaħtru aġent tal-akkwist biex jaġixxi fisimhom għall-fini tal-akkwist kollaborattiv. L-aġent tal-akkwist għandu jwettaq il-proċeduri tal-akkwist u jikkonkludi l-kuntratti li jirriżultaw [...] mal-kuntratturi f'isem **L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati** li jkunu qed jipparteċipaw **fl-akkwist kollaborattiv. L-aġent tal-akkwist jista' jipparteċipa fl-azzjoni bħala benefiċjarju u jaġixxi bħala koordinatur tal-konsorzju u għalhekk jista' jkun kapaċi jimmaniġġa u jikkombina fondi mill-Istrument u fondi mill-Istati Membri.**
2. Il-proċeduri tal-akkwist imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq ftehim iffirmit mill-Istati Membri parteċipanti mal-aġent tal-akkwist skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 11. **Il-ftehim għandu b'mod partikolari jiddetermina l-arranġamenti prattiċi li jirregolaw l-akkwist kollaborattiv u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-għażla tal-proċedura, il-valutazzjoni tal-offerti u l-għoti tal-kuntratt.**

3. Il-proċeduri u l-kuntratti tal-akkwist kollaborattiv għandhom jinkludu rekwiżiti tal-parteciċipazzjoni għall-kuntratturi u għas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist kollaborattiv kif imsemmi fil-paragrafi 4 sa 1[...] **1**.
4. Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi involuti fl-akkwist kollaborattiv għandhom jiġu stabbiliti u jkollhom l-istrutturi manidgerjali eżekuttivi tagħhom fl-Unjoni **jew f'pajjiż assoċjat**. Ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat **jew, alternattivament, għandhom ikunu ġew soġġetti għal skrinjar skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 u, fejn meħtieġ, miżuri ta' mitigazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3**.
5. B'deroga mill-paragrafu 4, entità ġuridika stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż [...] assoċjat u kkontrollata minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat tista' tipparteċipa [...] fl-akkwist kollaborattiv [...] jekk tipprovdli garanziji [...] **ivverifikati** mill-Istat Membru jew mill-pajjiż [...]assoċjat li fih ikun stabbilit il-kuntrattur **jew is-sottokuntrattur involut fl-akkwist kollaborattiv**. **Il-garanziji għandhom jipprovdu assigurazzjonijiet li l-involviment tal-kuntrattur jew tas-sottokuntrattur involut fl-akkwist kollaborattiv ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, kif stabbilit fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, jew l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3**.

6. [...]

7. **Il-garanziji kif imsemmija fil-paragrafu 5 jistgħu jkunu bbażati fuq mudell standardizzat ipprovdut mill-Kummissjoni, assistit mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14, u għandhom ikunu parti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, biex jiġi żgurat użu armonizzat fl-Unjoni Ewropea kollha.** Il-garanziji għandhom jissostanzjaw b'mod partikolari li, għall-finijiet tal-akkwist kollaborattiv, hemm stabbiliti miżuri biex jiżguraw li:

- (a) il-kontroll fuq il-kuntrattur jew fuq is-sottokuntrattur involut fl-akkwist kollaborattiv ma jiġix eżerċitat b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tiegħu li jwettaq l-ordni u li jagħti r-riżultati u;

- (b) ikun evitat l-aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal [...] informazzjoni **klassifikata, marbuta mal-akkwist kollaborattiv** filwaqt li l-impjegati jew persuni oħrajn involuti fl-akkwist kollaborattiv ikollhom approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru, **f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali.**

**7a. L-aġent tal-akkwist għandu jipprovi lill-Kummissjoni notifika dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni applikati skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2019/452 imsemmi fil-paragrafu 4 jew skont il-garanziji msemmija fil-paragrafu 5. Aktar informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni applikati jew il-garanziji għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 bi kwalunkwe notifika pprovduta f'konformità ma' dan il-paragrafu.**

8. L-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi tal-kuntratturi u tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist kollaborattiv li jintużaw għall-finijiet tal-akkwist kollaborattiv għandhom ikunu qegħdin fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż [...] assoċjat. [...] Il-kuntratturi u s-sottokuntratturi involuti fl-akkwist kollaborattiv jistgħu jużaw l-assi, l-infrastruttura, il-faċilitajiet u r-riżorsi tagħhom li jinsabu jew li jinżammu barra mit-territorju tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi assoċjati, **jekk ma jkollhomx l-infrastruttura, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi rilevanti fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat,** dment li tali użu ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u jkun konsistenti mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

9. Il-proċeduri u l-kuntratti tal-akkwist kollaborattiv għandhom jinkludu wkoll rekwiżit li l-prodott tad-difiża ma jkunx soġġett għal restrizzjoni minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat **direttament jew indirettament permezz ta' entità ġuridika intermedjarja waħda jew iktar, li tillimita l-abbiltà tal-Istati Membri li jużawh.**

**9a. B'deroga mill-paragrafu 9, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali u l-urġenza li jinkiseb bl-appoġġ tal-Istrument, ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 9 ma japplikax għal prodotti tad-difiża urġenti u kritiċi, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:**

**(a) l-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati li jkunu qed jipparteċipaw fl-akkwist kollaborattiv jimpenjaw ruħhom li jistudjaw il-fattibbiltà tas-sostituzzjoni tal-komponenti li jikkawżaw ir-restrizzjoni b'komponent alternattiv mingħajr restrizzjoni ta' oriġini tal-UE;**

**(b) il-prodotti akkwistati kienu qed jintużaw qabel l-24 ta' Frar 2022 fil-forzi armati tal-maġġoranza tal-Istati Membri li kienu qed jipparteċipaw fl-akkwist kollaborattiv.**

10. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "sottokuntratturi involuti fl-akkwist kollaborattiv" tfisser [...] **kwalunkwe entità li tipprovdi inputs kritiċi li jkollha attribwiti uniċi li jkunu essenzjali għall-funzjonament ta' prodott u li jkun allokat mill-inqas għaxra fil-mija tal-[...] valur tal-kuntratt.**

(a) [...]

(b) [...]

(c) [...]

**10a. Il-kost tal-komponenti li joriġinaw f'pajjiżi terzi mhux assoċjati ma għandux jaqbeż it-30 fil-mija tal-valur tal-prodott finali. L-ebda komponent ma għandu jiġi akkwistat minn pajjiżi terzi mhux assoċjati li jmorru kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett lejn il-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.**

*Artikolu 9*

*Entitajiet eliġibbli*

Dment li jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju, [...] l-entitajiet [...] eliġibbli għall-finanzjament **huma:**

(a) awtoritajiet [...] pubbliċi [...] <sup>9</sup>[...] <sup>10</sup>[...] **tal-Istati Membri;**

(b) awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi assoċjati[...];

**(ba) aġenti tal-akkwist kif imsemmija fl-Artikolu 2, il-paragrafu 5.**

*Artikolu 10*

*Kriterji għall-għoti*

**1.** Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-proposti sottomessi abbażi tal-**kriterji għall-** aġġudikazzjoni [...] **ta' għotjiet** li ġejjin:

---

<sup>9</sup> [...]

<sup>10</sup> [...]

[...] **(a)** l-għadd ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati li jipparteċipaw fl-akkwist kollaborattiv;

**(b) il-valur stmat tal-akkwist kollaborattiv;**

[...] **(c)** id-[...] **dimostrazzjoni tal-kontribuzzjoni** tal-azzjoni għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-[...] **EDTIB** biex tkun tista' tindirizza b'mod partikolari l-ħtiġijiet l-aktar urġenti u kritiċi tal-prodotti tad-difiża kif imsemmija fl-Artikolu 3, inkluż fir-rigward taż-[...]żmien meħtieġ għat-twassil tal-ordnijiet[...], għad-disponibbiltà u għall-forniment;

**(d) id-dimostrazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-azzjoni għar-riforniment tal-ħażniet, inkluż dawk li ġew eżawriti bħala riżultat tar-rispons għall-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, kif ukoll is-sostituzzjoni u t-tisħiħ tal-mezzi kif imsemmi fl-Artikolu 3;**

2. [...]

[...]**(e)**. [...] il-**punt tal-kontribuzzjoni** tal-azzjoni għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati, **b'mod partikolari s-sehem proporzjonali tar-riskji u l-opportunitajiet finanzjarji tekniċi, abbażi ta' kunċett kooperattiv b'mod ġenwin, kif ukoll l-[...]interoperabbiltà tal-prodotti akkwistati skont dan ir-Regolament;**

4. [...]

5. [...]

6. [...]

**(f) il-punt tal-kontribuzzjoni tal-azzjoni għall-kompetittività u l-adattament tal-EDTIB, inkluż bil-ħolqien previst jew bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-manifattura, ir-riżerva tal-mezzi tal-manifattura u s-sigurtà tal-provvista;**

**(g) il-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-mid-caps kif ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera ġdida bejn il-kuntratturi u s-sottokuntratturi fil-ktajien tal-provvista madwar l-Unjoni kollha;**

[...] **(h)**. il-kwalità u l-effiċjenza tal-pjanijiet li jwettqu [...] l-azzjoni.

**2. Il-ponderazzjoni tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni għandha tkun iddeterminata mill-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat kif imsemmi fl-Artikolu 14.**

**3. Fuq talba, il-Kummissjoni għandha tikkondividi l-evalwazzjoni tagħha kif ukoll l-informazzjoni sottostanti ppreżentata mill-applikanti mal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14.**

#### *Artikolu 11*

##### *Programm ta' ħidma*

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat bi programm ta' ħidma **pluriennali** kif imsemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għandha tadotta l-programm ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 1. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(3).

**2a. Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi:**

- (a) il-prijoritajiet ta' finanzjament ikkonċernati, f'konformità mal-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3, deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jinvolve kooperazzjoni għall-akkwist kollaborattiv u l-valur stmat tal-akkwist kollaborattiv, u l-proċedura għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti;**
- (b) l-ammont globali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal kull prijorità ta' finanzjament ikkonċernata;**
- (c) il-valur minimu ta' kull azzjoni ta' akkwist konġunt u l-ammont indikattiv ta' appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri kif ukoll, fejn applikabbli, inċentivi għall-akkwist ta' valur ogħla u l-inklużjoni ta' Stati Membri jew pajjiżi assoċjati oħrajn;**
- (d) deskrizzjoni tal-istadji importanti, imfassla b'tali mod li jimmarkaw progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-azzjoni rispettiva jew tar-riżultati li għandhom jinkisbu, kif ukoll l-ammonti assoċjati għall-iżborż;**
- (e) l-arranġamenti għal verifika tal-istadji importanti u tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet jew tal-kisba tar-riżultati; kif ukoll**
- (f) il-metodi għad-determinazzjoni u l-aġġustament tal-ammonti, fejn applikabbli.**

3. [...]

4. [...]

*Artikolu 12*

*Monitoraġġ u rapportar*

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni għall-Istrument sal-31 ta' Diċembru 202[...]5 u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jevalwa l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet meħuda fl-ambitu tal-Istrument.
2. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, u għandu b'mod partikolari jevalwa l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

*Artikolu 12a*

*Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata*

- 1. L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li jkunu qed jipparteċipaw f'akkwist kollaborattiv għandhom jiddeterminaw bejniethom l-arranġamenti applikabbli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata għall-finijiet tal-akkwist kollaborattiv, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.**

2. **Il-Kummissjoni għandha tipproteġi l-informazzjoni klassifikata tal-UE fir-rigward tal-Istrument f'konformità mar-regoli tas-sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444.**
3. **Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema ta' skambju sigur sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva u klassifikata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u pajjiżi assoċjati u, fejn xieraq, mal-applikanti u r-riċevituri. Dik is-sistema għandha tqis ir-regolamenti tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.**

### *Artikolu 13*

#### *Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

1. **Mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva u klassifikata,** ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Istrument, u mal-azzjonijiet u mar-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Istrument għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 14*  
*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għandha tiġi mistiedna tagħti l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-kumitat bħala osservatur. Anki s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi mistieden biex jassisti fil-kumitat.
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

*Artikolu 15*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President

Għall-Kunsill  
Il-President